**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2004**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| IT-TIELET SENA | RELIĠJON | Ħin: Siegħa u nofs |
|---|---|---|

Isem: ________________________________ Klassi: ________________

## TAQSIMA A

**(18-il marka)**

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fil-qosor.**

1. Min hu l-Għerf t'Alla?

   ________________________________________________ (2 marki)

2. Liema huma ż-żewġ kapaċitajiet kbar li tiġbor fiha l-kuxjenza tagħna bħala bnedmin?

   ________________________________________________ (2 marki)

3. Kif tippreżenta lilha nnifisha t-tentazzjoni?

   ________________________________________________ (2 marki)

4. "Itlaq minn quddiemi, ja xitan! Int tfixkil għalija, għax m'intix tqis il-ħwejjeġ ta' Alla, imma qiegħed taħsibha ta' bniedem li int". (Mt. 16, 21-23) Għid min qal dan il-kliem u lil min.

   ________________________________________________ (2 marki)

5. "Ishru u itolbu biex ma tidħlux fit-tiġrib." (Mt. 26, 41). Għid x'ried ifisser Ġesù b'dan il-kliem?

   ________________________________________________ (2 marki)

6. Semmi żewġ persuni mill-Evanġelju, li kienu meqjusa ħżiena u mill-agħar, li Ġesù laqagħhom u għenhom.

   ________________________________________________ (2 marki)

7. Għid għaliex huwa importanti li nitolbu t-talba ta' San Franġisk, "Mulej, agħmilni strument tal-paċi tiegħek"?

   ________________________________________________ (2 marki)

8. B'liema kliem fuq is-salib Ġesù ħafer lil dawk li qatluh?

   ________________________________________________ (2 marki)

9. Ikteb ir-raba' kmandament.

   ________________________________________________ (2 marki)

## TAQSIMA B (5 marki)

**Qabel Kolonna A ma' Kolonna B billi tikteb in-numru fil-kaxxa t-tajba.**

| Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|
| 1. Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Mhux b'dan għandkom tifirħu." | ☐ | billi qasam magħhom dak li kien hemm f'moħħu u f'qalbu. |
| 2. Ġesù wera li kien ħabib tal-qalb ma' l-Appostli tiegħu | ☐ | qabel ma tħares lejn il-ġesti u l-interessi tiegħek. |
| 3. Li tħobb tfisser li l-ewwel tħares lejn il-ġid ta' ħaddieħor | ☐ | miegħu bħala wliedu. |
| 4. Qabad Pietru u qal lil Ġesù: | ☐ | "Ifirħu għax għandkom isimkom miktub fil-ġenna." |
| 5. L-imħabba tagħna lejn Alla għandha twassalna biex nitkellmu | ☐ | "Mgħallem, ħa ntellgħu tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mosè u waħda għal Elija." |

## TAQSIMA Ċ (23 marka)

**Aqra s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.**

Meta David spiċċa jitkellem ma' Sawl, qalb Ġonatan intrabtet ma' qalb David, u Ġonatan ħabbu bħalu nnifsu. Dak in-nhar Sawl ħadu miegħu, u ma ħalliehx imur f'dar missieru. U Ġonatan u David għamlu patt bejniethom, għax kien iħobbu bħalu nnifsu. U Ġonatan neħħa l-mantar li kellu fuqu u tah lil David u tah ukoll l-armatura tiegħu u saħansitra x-xabla u l-qaws u l-ħżiem li kellu.

**Wieġeb**

1. Din is-silta hi meħuda
   a) mit-Testment il-Qadim
   b) mit-Testment il-Ġdid (marka)

2. Sawl kien
   a) ragħaj
   b) sultan
   ċ) profeta (marka)

3. Ikteb mhux inqas minn 30 kelma biex turi x'taf fuq David.

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________ (3 marki)

4. X'kien jismu missier David u fejn kien joqgħod?

_______________________________________________ (2 marki)

5. Ġonatan ħabb lil David 'bħalu nnifsu'. Xi tfisser din il-frażi?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

6. Semmi tliet kwalitajiet sbieħ li naraw fil-ħbiberija bejn Ġonatan u David.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (3 marki)

7. Ġesù wkoll kellu l-ħbieb tiegħu.

   a) Semmi tlieta mill-ħbieb ta' Ġesù.

   _______________________________________________ (marka)

   b) Kif ġab ruħu Ġesù ma' dawn il-ħbieb?

   _______________________________________________ (3 marki)

8. Semmi ġrajja mill-ħajja ta' Ġesù meta:

   a) Ġesù qasam ir-rikreazzjoni ma' ħbiebu.

   _______________________________________________

   _______________________________________________

   _______________________________________________ (marka)

   b) Ġesù kiel ma' ħbiebu.

   _______________________________________________

   _______________________________________________

   _______________________________________________ (marka)

   ċ) Ġesù qasam magħhom mumenti ta' dwejjaq.

   _______________________________________________

   _______________________________________________

   _______________________________________________ (marka)

9. X'hemm bżonn bejn il-ħbieb biex ikun hemm komunikazzjoni vera u sinċiera? Għid għaliex. (Ikteb fuq iż-żewġ punti)

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (4 marki)

## TAQSIMA D **(54 marka)**

Agħżel **żewġ suġġetti minn 1, 2 u 3** hawn taħt u ikteb madwar 150 kelma **fuq kull wieħed minnhom** fuq karta separata. (27 marka kull suġġett)

1. Jiena Hu Alla Sidek: 'Ma jkollokx Alla ieħor għajri.'
   a. Għid għaliex Alla għandu jiġi l-ewwel f'ħajjitna. (Agħti 3 raġunijiet)
   b. Liema huma l-allat ta' żmienna li magħhom nistgħu nibdlu lil Alla? (Agħti 3 eżempji)
   ċ. Kif tista' int turi qima u rispett lejn Alla? (Agħti 3 eżempji)

2. 'Il-qaddisin saru qaddisin mhux għax ma kellhomx tentazzjonijiet iżda għax għarfu jegħelbuhom.'
   a. Ikteb it-tliet tentazzjonijiet li Ġesù kellu mix-xitan fid-deżert.
   b. Min fejn jistgħu jiġu t-tentazzjonijiet li jkollna. (Agħti 3 eżempji)
   ċ. X'għajnuniet għandna nfittxu biex negħelbu t-tentazzjonijiet li jkollna. (Agħti 3 eżempji)

3. 'Agħtu ġieħ lil Alla permezz ta' ġisimkom.'
   a. X'tgħid il-kelma t'Alla dwar il-ġisem tagħna fil-ktieb tal-Ġenesi?
   b. Għid kif Alla jridna ngħożżu lil ġisimna:
      i. fil-mod kif nilbsu
      ii. kif nużaw għajnejna
      iii. f'dak li naħsbu u nimmaġinaw
   ċ. Aħna l-insara għandna raġuni speċjali għaliex għandna nistmaw u nirrispettaw il-ġisem tagħna u ta' l-oħrajn. Għid għaliex u kif int tista' tirrispetta l-ġisem tiegħek u ta' l-oħrajn.